MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2010

Numru 584/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**KONTRA**

**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

OMMISSIS

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli :

1) Nhar is- 6 ta' Settembru 2009 ghall- habta tat- 7.45am u/jew qabel kif ukoll wara din id- data, renda ruhu komplici f' serq ta' oggetti u flus kontanti minn gewwa r- residenza bl- isem Tesant, li tinsab fi Triq Wied il- Ghajn, Zabbar, liema serqa huwa aggravat bil- mezz, bil- valur li jeccedi €2,329.37 u bil- lok, u dan ghad- detriment ta' Maria Teresa u Anthony Liam inn Haz- Zabbar u/ jew persuna jew persuni ohra;

2) Akkuzat ukoll talli huwa sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

3) U aktar talli kiser il- provedimenti tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta billi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il- perjodu ta' sentenza sospiza ghal erba' snin mghotija lilu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D nhar is- 16 ta' Novembru 2007 kif ukoll waqt il- perjodu ta' sentenza sospiza ghal sentejn moghtija lilu nhar it- 13 ta' Gunju 2005 mill- Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.D liema sentenza kienet regghet giet estiza ghal erba' snin mill- Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D nhar is- 16 ta' Novembru 2007;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ammissjoni bikrija tal-

imputat, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghaldaqstant setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu tal-kaz in ezami jittratta l-komplicita’ tal-imputat f’ serqa li saret mid-dar tal-genituri tat-tfajla tieghu, f’ Settembru 2009. L-istqarrija tal-imputat, hawn esebita fl-atti, tispjega fid-dettall l-involviment tieghu f’ dan ir-reat, u bl-ammissjoni tieghu kemm fl-istess stqarrija kif ukoll f’ dawn il-proceduri, hu intrabat li jibqa’ jghin lill-Pulizija biex il-persuni li wettqu dik is-serqa jigu investigati aktar. Il-Qorti giet ukoll infurmata li l-imputat ghandu problema ta’ dipendenza fuq id-droga, izda qieghed jiehu l-kura necessarja mal-agenzija Caritas. Jidher, ghalhekk, li l-imputat qed ifittex l-ghinuna biex ma jibqax sejjer fi triq li kienet ha twasslu biss ghal aktar reati u ghal aktar sentenzi kontrih.

Madankollu, l-Qorti hi ben konxja li l-imputat kiser zewg sentenzi sospizi moghtija lilu minn din il-Qorti diversament presjeduta. Is-sospensjoni ta’ dawn iz-zewg sentenzi kienet ghadha operattiva meta hu irrenda ruhu komplici f’ dik is-serqa. Ghalhekk, jekk din il-Qorti ghandha tapplika l-ligi b’ mod rigoruz, dawn is-sentenzi ghandhom jidhlu fis-sehh immedjatament u l-imputat b’ hekk jigi li jrid iservi terminu ta’ prigunerija effettiva. L-uniku fattur li qed jimmilita favurih hu li l-imputat intrabat li jghin lill-Pulizija fi proceduri kontra terzi rigward dan ir-reat, u ghalhekk biss din il-Qorti, b’ mod eccezzjonali ghall-ahhar, m’hijiex sejra tordna li jidhlu fis-sehh is-sentenzi ta’ prigunerija sospizi fil-konfront tieghu. Minflok, il-Qorti ser tibqa’ tipprovdilu ghinuna biex jibqa’ ‘l boghod mill-kriminalita’, u ghalhekk sejra taghtih sanzjoni fil-komunita’ ai termini tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fl-istess waqt, izda, il-Qorti qed taghmilha cara li fl-eventwalita’ li hu ma josservax l-ordnijiet moghtija lilu, jew jikser id-disposizzjonijiet ta’ din is-sentenza, il-Qorti jkollha bil-fors turi s-severita’ kollha

necessarja mieghu. Dan hu l-ahhar avviz li qed jinghata lill-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 28A, 28B, 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation, ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta, ghal tlett (3) snin.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------